Ħaddiema jlibbtu fuq iċ-ċnut,
oħrajn telgħin u nieżlin is-slielem,
Ix-xrar taċ-*chaser* itir ma' kullimkien.
Ebda ngwanta, nuċċali jew elmu.
"Irġiel ta' veru," kien darba ftaħar ħaddiem
mimli kallijiet ma' missier Pawlu.



“Itlaq Ċal!” għajjat l-imgħallem.
Dlonk is-sewwieq startja t-trakk u telaq b’daħna sewda għoddha dallmet it-triq.

Mal-art tħalliet roqgħa żejt, it-timbru ta’ trakk li għadda żmienu.

Trakk ieħor daħal minfloku,
ix-xogħol qabad ir-ritmu.
Trakk ġej u ieħor sejjer.




IL-KING
GOF·100

Ġonna dejjem jitnaqqru, dellijiet u arja fgata.

Inqas art, aktar ġebel,
inqas spazji, aktar bini,
inqas ftuħ, aktar rassa.

Għandna kollox, ma baqa' xejn.

